# L-Awtobijografija Tiegħi

Noqgħod fir-raħal pittoresk ta' Marsaxlokk, il-villaġġ tas-sajjieda. Ngħix f'dar kbira u sabiħa ferm, komda u arjuża u tgawdi veduti li jpaxxu l-għajn, kemm tal-baħar kif ukoll tal-għelieqi.

Għandi ħdax-il sena. Twelidt fil-wieħed u għoxrin ta' Awwissu tal-elfejn u ħamsa. Naħseb fl-eqqel tas-sħana! Jiena magħmula daqsxejn qasira imma qed nitwal! Xagħri qastni, twil u nnukklat ħafif ħafif. Għajnejja kannella skur u kbar u nħobb nilbes addattat u pulit skont fejn inkun sejra, daqqa sportiv għall-atletika jew eleganti u xieraq għall-quddies.

Inħobb wisq nitgħallem affarijiet ġodda bħal riċetti tat-tisjir u xi krafts tat-tafal u l-karti ħelwin. Inħobb nitgħallem il-pjanu, nieħu pjaċir speċjalment meta jirnexxieli ndoqq xi biċċa bla żbalji xejn. Pjuttost jiena kreattiva. Inpinġi tip ta' kartuns jissejjaħ Anime, niżvolġi kitbiet u stejjer l-aktar bl-Ingliż iżda ktibt ukoll xi poeżiji bil-Malti. Tgħidx kemm naqra kotba differenti bħal ta' James Patterson u J.K. Rowling. Nimraħ f'avventuri tal-adoloxxenti; inkun f'dinja għalija!

Jgħiduli li għandi karattru ħelu ħafna u ċajtier. Ir-rispett lejn kulħadd ma jonqosx u fejn hemm bżonn ngħin u naqsam mal-oħrajn. Peress li fil-familja qegħdin sitta; il-mamà, il-papà u erba' aħwa, xi drabi nkun rasi iebsa u rridha tgħaddi tiegħi. Ġieli wkoll nieħu għalija u niġġieled l-aktar m'oħti ta' qabli. Kif qed tara mhux dejjem anġlu jien! Jien l-iżgħar minn fost ħuti. Ħija l-kbir u ż-żewġ ħuti bniet tan-nofs jattendu l-Università. Għalhekk jien ikolli nlaħħaq magħhom! Tgħidx kemm ninħabbu u nieħdu gost speċjalment waqt il-logħob u l-isports u meta nsiefru. Kemm nixtieq li mmorru Florida flimkien!

It-tliet ħuti qed jistudjaw biex isiru tobba. Jien nixtieq ukoll insir tabiba... imma tal-annimali!! L-annimali nħobbhom wisq. Biżżejjed ngħidilkom li għandi sitt iqtates... GĦAż-ŻE-NIN! Fuq kollox inkun xi nkun, inkun fejn inkun, inħalli f'idejn il-Mulej, biex nagħmel kollox sew u b'hekk insir qaddisa.

**Gyllain Pace (1 Coral)**